MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0011/08
skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta' Proċedura
minn Martin Schulz, Hannes Swoboda, Pasqualina Napoletano, Manuel António dos Santos, Raimon Obiols i Germà, Claudio Fava, Erika Mann, Sérgio Sousa Pinto, Gabriela Creţu u Luis Yañez-Barnuevo García f'isem il-Grupp PSE
lill-Kummissjoni

Suġġett: Is-Samit bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina u l-Karibew (Lima, is-16 u s-17 ta' Mejju 2008)

Dwar l-implimentazzjoni ta' l-għanijiet tas-Samit preċedenti bejn l-UE u l-Amerika Latina u l-Karibew, li sar fi Vjenna (l-Awstrija) f'Mejju 2006:

- Liema miżuri kienu adottati mill-Kummissjoni sabiex il-koeżjoni soċjali tingħatalha l-ogħla prijorità fil-programmi ta' koperazzjoni u assistenza bejn iż-żewġ reġjuni? U sabiex ikun hemm koperazzjoni fir-riforma tan-NU u fir-riforma tal-Bank Dinji u tal-Fond Monetarju Internazzjonali biex jitjieb ir-regolament dwar il-likwidità? U biex jiġu definiti l-pożizzjonijiet komuni u l-azzjonijiet konġunti bejn l-Amerika Latina u l-Karibew u l-UE fi ħdan id-diversi entitajiet tan-NU u fil-konferenzi l-aktar importanti tan-NU?

- Liema inizjattivi ttieħdu mill-Kummissjoni biex tingħata attenzjoni speċjali lill-koperazzjoni f'oqsma bħall-bidla fil-klima u l-enerġija - l-aktar dwar l-enerġija li tiġġedded - fuq il-bażi tal-Ftehima ta' Bali, u li jinkludu l-għanijiet tal-pakkett għall-azzjoni dwar il-klima tal-Kummissjoni Ewropea adottat fit-23 ta' Jannar 2008? U li jirriflettu l-importanza tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Amerika Latina u l-Karibew fl-allokazzjoni tar-riżorsi lir-reġjun, b'mod partikolari fil-qasam tal-koperazzjoni dwar il-bidla fil-klima?

- Dwar in-negozjati tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni bejn il-Mercosur, l-Amerika Ċentrali, il-Komunità Andina u l-UE, x'qiegħda tagħmel il-Kummissjoni biex tintensifika l-isforzi tagħhom biex in-negozjati jkomplu mixjin 'il quddiem?

Dwar l-għanijiet tal-ħames Samit bejn l-UE u l-Amerika Latina u l-Karibew li għandu jsir fis-16 u s-17 ta' Mejju 2008 f'Lima, il-Perù:

- Liema miżuri se tipproponi l-Kummissjoni biex timplimenta l-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-politiki dwar l-edukazzjoni u l-miżuri biex jittaffa l-faqar sabiex titneħħa d-diskriminazzjoni u jiġu rikonoxxuti d-drittijiet soċjali fundamentali? U biex timplimenta l-koperazzjoni f'oqsma bħall-bidla fil-klima, l-enerġija u kwistjonijiet oħra marbuta ma' l-ambjent?

- Liema inizjattivi se tipproponi l-Kummissjoni lis-Samit fid-dibattitu dwar suġġetti bħall-integrazzjoni reġjonali, il-koperazzjoni fl-iżvilupp, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem u, b'mod partikolari, dwar il-migrazzjoni?

Imressqa: 28.01.2008
Mibgħuta: 30.01.2008
Skadenza: 06.02.2008